NEWSPAPER POST

# IL-BELT VICTORIA

RIVISTA MAĦRUĠA MILL-PARROĊĊA TA' SAN ĠORĠ — GĦAWDEX

Lulju - Awissu 1991 Nru. 61

## Messaġġ ta` l-Arcipriet

# INKUNU DENJI TA' ĠORĠI TAGĦNA

***Ejja mela lil Ġorġi kuruna,***
***illum ninsġu b'imħabbtu mkabbrin***
***aħna nibqgħu għal dejjem ta' Ġorġi.***
***huwa jibqa' patrun tal-Għawdxin.***

*Dawn huma l-aħħar kelmiet li jtemmu dak l-innu mmortali li ta' kull sena nisimgħu ħafna u ħafna drabi, versi tal-mibki Patri Akkursju Xerri u mużika ta' Mro Vincenzo Ciappara. Itennihom kulħadd. Ikantawhom il-kbar u anke t-tfal ċkejknin, li fost l-ewwel kelmiet li jitgħallmu mingħand ommhom u missierhom huma propju dawn il-versi hekk sbieħ.*



*Iżda għalkemm ngħiduhom ta' spiss, jista' jkun li mhux dejjem nifhmu sewwa t-tifsira tagħhom.*

*Għalhekk xieraq li fil-festa ta' din is-sena nieqfu ftit u naħsbu daqsxejn x'messaġġ nistgħu nieħdu minnhom.*

*L-aħħar vers jgħidilna: "Huwa jibqa' Patrun tal-Għawdxin". San Ġorġ sa mill-qedem kien magħżul minn missirijietna sabiex iħares lill-gżira Għawdxija. U din il-protezzjoni tiegħu ma ġiet nieqsa qatt. Talbuh waqt l-attakki li kienu jsiru mill-Mislem, u San Ġorġ daħal għalihom u kien il-gwerrier qalbieni li mliehom bil-kuraġġ u tahom is-saħħa biex jirbħu lill-għadu.*

*Talbuh fil-mard: il-pesta, kolera, eċċ, u San Ġorġ kien dik it-tarka li ħelsithom mill-mewt. Talbuh f'kull għawġ, terremoti, nixfa, gwerra u fih sabu l-Ħabib li jagħtihom dak kollu li talbuh. Resqu lejh fin-niket u farraġhom. Fittxewh f'kull bżonn u semagħhom. Hu kien għalihom stilla li ddawwal u tferraħ il-qlub ta' dawk kollha li jiġu f'kuntatt magħha.*

*U dak li għamel ma' missirijietna għadu jagħmlu magħna lkoll. Fih aħna naraw il-Patrun tagħna, il-mimmi t'għajnejna.*

*Iżda f'dik l-istrofa li semmejt fil-bidu, fil-vers qabel ta' l-aħħar isnibu wkoll il-kelmiet: "Aħna nibqgħu għal dejjem ta' Ġorġi". Tajjeb li nagħmlu mistoqsija lilna nfusna: "Imma aħna verament ta' San Ġorġ?*

*Biex inkunu kapaċi nwieġbu din il-mistoqsija jeħtieġ l-ewwel nett naraw x'hemm bżonn li nwettqu biex fir-realtà nissejħu u nkunu "ta' "San Ġorġ".*

*ikompli f'paġna 2*

## *Viva San Ġorġ Megalomartri*

**IL-BELT VICTORIA**

**RIVISTA TA' KULL XAHREJN**

*Uffiċċju Editorjali*
*CENTRU PARROKKJALI SAN ĠORĠ*
*Triq il-Karita`, Victoria, Għawdex.*
*Tel: 556377*

jaqbad minn paġna 1

**INKUNU DENJI TA' ĠORĠI TAGĦNA**

*Irridu nimitawh fil-ħajja tagħna. San Ġorġ hu bħal djamant li jleqq u jarmi d-dawl minn kull aspett li lejh tħares. Tispikka l-ewwelnett il-FIDI TIEGĦU. Fidi li ma bezax jistqarrha fil-beraħ, avolja kien jaf li b'hekk jitlef karriera, u saħansitra ħajtu stess. Jekk irridu nissejħu "ta' San Ġorġ" jeħtieġ li nkunu bnedmin ta' FIDI, lesti li nuruha u nistqarruha kullimkien, kemm fl-ambjenti t-tajba kif ukoll fejn forsi jkun hemm min jiddarras igħid li hu nisrani.*

*San Ġorġ kellu TAMA KBIRA f'Alla. F'idejn Alla ntelaq fil-mumenti tal-prova li minnhom għadda: u ma kienux mumenti taċ-ċajt. U lil Alla dejjem sabu spalla ma spalla miegħu. L-istess: min irid jissejjaħ u jkun verament "ta' San Ġorġ" irid jintelaq f'Alla; fil-mument diffiċli tal-ħajja, fil-mard, fl-inkwiet, fil-problemi, irridu nagħmlu bħal San Ġorġ, nittamaw f'Alla u żgur nirbħu kull diffikultà.*

*San Ġorġ kien mimli b'IMĦABBA TAL-GHAĠEB. Imħabba lejn il-proxxmu tiegħu li wasslitu jaqsam ħwejġu mal-foqra u jagħti l-ħelsien lill-ilsiera li kien hemm fid-dar ta' missieru, u mħabba speċjali lil Alla: imħabba li wasslitu jtemm ħajtu għal Kristu. Dawk fostna li jridu jissejħu "ta'Ġorġi" jeħtieġ li bħalu nimtlew b'imħabba lejn għajrna, bla ebda distinzjoni, bla ebda kejl. U dan naslu biex nagħmlu jekk bħal San Ġorġ inħobbu l-ewwel u qabel kollox lil Alla, li Hu l-istess imħabba.*

*Dawn huma l-awguri tiegħi għalikom f'dawn il-jiem tal-festa kbira. Jekk aħna rridu li San Ġorġ jibqa' Patrun tagħna, rridu nagħmlu ħilitna kollha biex ngħixu ħajja li togħġob lil Alla bħalma kienet togħġob lil Alla, ħajjet San Ġorġ.*

***Il-Festa t-tajba lil kulħadd!***
*Mons. Salv Borg*

***Donazzjonijiet għar-Rivista:***

Charles Farrugia 20 Aust.$
Chev. Jos. Zammit (M'Forn) Lm2
N.N. (Australia) 50 Aust .$

***Ħinijiet tal-Quddies fil-għaxija***

*Matul il-Ġimgħa:* ***Fil-5.30p.m. u fis-7.00p.m.***
*Ħdud u Festi:* ***Fil-5.00p.m.***

## *editorjal*

Din il-ħarġa tar-rivista tagħna qed taslilkom id-dar meta ninsabu fl-aħħar tħejjijiet għal-festa tant għażiża għalina - il-Festa tal-Patrun tagħna u ta' gżiritna San Ġorġ Martri.

Matul il-ġimgħa li ġejja nħossu li rridu nifirħu. Inħossu li rridu niċċelebraw. Inħossu li rridu nuru anke minn barra l-imħabba kbira li għandna għal Ġorġi Tagħna. Għalhekk matul din il-ġimgħa li ġejja minbarra l-festi solenni li jsiru fil-Bażilika tagħna norganizzaw ukoll festi kbar u brijużi fil-pjazzez u t-toroq ta' beltna. Dan nagħmluh mhux biex nuru l-kapaċità tagħna fl-organizzazjoni imma biex minn barra nuru l-imħabba kbira tagħna lejn San Ġorġ.

Iżda f'dawn iż-żminijiet li qed ngħixu fihom daħal wisq materjaliżmu u ħafna iktar jagħtu każ ta' kemm ser jiddevertu jew jieklu jew jixorbu jew kif ser jilbsu milli jagħtu każ tas-sens verament nisrani li għandu jkollha kull festa. Tajjeb għalhekk li nkunu minn ta' quddiem fil-funzjonijiet liturġiċi li jkollna fil-Bażilika tagħna. Ħafna u ħafna huma dawk li jiġu u jieħdu sehem attiv f'dak kollu li jsir, iżda hemm oħrajn, b'dispjaċir ngħidu anke kbar, li mhux dejjem ikunu qed juru kemm verament għandhom għal qalbhom il-festa tagħna.

Kull kategorija tal-Komunità Parrokkjali jkollha xi attività partikolari barra dawk il-funzjonijiet li għalihom kull membru ghandu jara li ma jonqosx. Għalhekk naqraw tajjeb il-programm, mhux biss biex inkunu nafu il-ħinijiet tal-marċijiet jew x'ħin hemm xi programm tal-banda, imma wkoll biex ninnotaw dawk il-funzjonijiet liturġiċi li jolqtu lilna.

F'dawn il-jiem ta' festi l-ikbar rigal li nistgħu nagħtu lil kbir Megalomartri San Ġorġ huwa li permezz ta' qrara tajba nerġgħu ninħabbu ma' Missierna tas-Sema fejn San Ġorġ qiegħed igawdi għal dejjem.

**VIVA SAN ĠORĠ**

*Fil-gazzetta Kattolika li toħroġ fl-Ingilterra* ***"The Universe"****, fil-ħarġa tagħha tal-21 t'April 1991 insibu artiklu miktub minn Joanna Bogle taħt l-isem ta'* ***"Keeping the flame of faith alive"****. Illum ser noffrulkom dan l-artiklu maqlub għall-Malti.*

# INŻOMMU ĦAJJA L-FJAMMA TAL-FIDI

Kif ser tiċċelebrawh Jum San Ġorġ? Filwaqt li qarrejja ġo Scotland u l-Irlanda jsibu li t-23 ta' April immarkat bħala tifkira fakoltattiva, dawk fl-Ingilterra u ġo Wales isibu fil-Kalendarji tagħhom li dan il-jum huwa mniżżel bħala Festa.

Bosta knejjes u postijiet pubbliċi jtajjru fuq il-bjut tagħhom il-bandiera ta' San Ġorġ - salib aħmar fuq sfond abjad - filwaqt li l-Iscouts jagħmlu l-parata tagħhom fil-Kappella ta' San Ġorġ, ġewwa Windsor.

Diversi organizzazzjonijiet li jħossuhom kburin li għandhom lil San Ġorġ bħala l-Patrun tagħhom, fosthom St. George's Hospital fin-nofs inhar ta' Londra u r-Royal Society of St. George, jorganizzaw ċerimonji, servizzi fil-Knejjes u Ikliet. Iżda x'ingħidu dwar il-familji kattoliċi in ġenerali?

Meta l-Kalendarju tal-Knisja ġie ppubblikat fis-snin sittin, Jum San Ġorġ ġie mniżżel bħala Memorja flok Festa f'ċerti pajjiżi, u din il-ħaġa ħolqot l-idea żbaljata li san Ġorġ ġie mċekken, u saħansitra waslu biex ħolqu xniegħat dwar l-eżistenza tiegħu. Dan mhux ħaġa oħra, għajr ħmerijiet.

Il-Knisja tħoss il-ħtieġa li taġġorna l-Kalendarju tagħha minn żmien għal żmien, sabiex b'hekk issib post għall-qaddisin ġodda li jkunu ġew dikjarati tali fis-snin ta' qabel. Iżda dan il-pass qatt ma għandu joħloq dubju dwar l-esistenza ta' qaddisin li kienu jiġu vvenerati qabel.

Fil-fatt kbir huwa it-tagħrif li aħna għandna dwar San Ġorġ, li kien wieħed mill-qaddisin u martri


Keeping the flame of faith alive

HOW WILL you celebrate St George's Day? While readers in Scotland and Ireland will find that April 23 is only an optional memorial on their ·alendars, those in England and 'ales will find it marked as a feast.

'lany churches and public buildings be flying the St George's flag – a cross on a white background – Scouts will parade at St George's pel, Windsor.

arious organisations which claim George as their patron, from St eorge's Hospital in South London to Royal Society of St George, will be ling ceremonies, church services, linners. But what about ordinary tholic families?

When the Church's calendar was evealed in the 1960s, St George's Day became a memorial rather than a full feast in some countries, and this gave rise to the notion that St George had somehow been lemoted, and that perhaps there was ... to his ... t this is nonsense. ... to tidy up her time ...

this he was arrested, and charged with being a Christian.

He refused to deny his faith, an was tortured and finally behe The date was April 23, which year happened to be Good Frida

George was buried at Lydda ( Israel) and red roses were plac his grave. They were said to every year on the anniversary death. His fame spread rapidly.

When Constantine bec Emperor, and Christianity became official religion of the Roman Em George's courage was seen in its perspective – he was the man had helped to keep the flame of alive among a tiny band of Chris

What about the legend th George kille dragon, to resc maiden in distr The dragon was traditional sy of the old Roman em The legend of saying George off slew his and saved t the maid- Church. In some early vers story, the dragon was not ut to the service of young

Joanna Bogle looks at the life of St George and the legends that surround this great figure

l-iżjed importanti matul il-persekuzzjoni ta' Deokleżjanu fis-seklu erbgħa.

Ġorġ kien Uffiċċjal fl-Eżerċitu Ruman — imlaħħaq Tribun, li huwa l-ekwivalenti ta' Kurunell. Kien jgħix fil-Lvant Nofsani, f'territorju, li f'dawk iż-żmenijiet kien jaqa' taħt it-tmexxija ta' l-Imperu Ruman.

Meta l-Imperatur Deokleżjanu beda jimponi liġijiet ġodda li kellhom bħala skop li jxekklu l-libertà ta' qima ta' l-Insara, u jnaqqsulhom l-attivitajiet tagħhom, Ġorġ ħareġ fil-beraħ u iddefenda id-dritt ta' dawk li jemmnu. Minħabba f'hekk huwa ġie arrestat, u mixli li huwa nisrani.

Hu ma riedx jiċħad il-fidi tiegħu, ġie msawwat, u fl-aħħar ħasdulu rasu. Id-data kienet: **It-23 ta' April,** li dik is-sena kien ħabat ukoll il-Ġimgħa l-Kbira.

Ġorġ ġie midfun ġewwa Lydda (illum f'Iżrael) u fuq il-qabar tiegħu ġew imxettla qronfol aħmar. Jingħad li dawn il-qronfol kienu jiftħu ta' kull sena fl-anniversarju tal-mewt tiegħu.

Il-fama tiegħu xterdet ma' kullimkien.

Meta Kostantinu sar Imperatur, u l-Kristjaneżmu sar ir-reliġjon uffiċċjali tal-Imperu Ruman, il-kuraġġ ta' Ġorġi deher fil-kobor kollu tiegħu. Hu kien dak li għen biex il-fjamma tal-fidi tibqa' tħeġġeġ fost dawk il-gruppi ta' nsara ta' żmienu.

X'ingħidu imbagħad għal-leġġenda li tirrakkonta kif San Ġorġ qatel lid-dragun u salva lit-tfajla mill-periklu li fih kienet tinsab? Id-Dragun kien is-simbolu tradizzjonali ta' l-Imperaturi Rumani pagani tal-qedem. Il-leġġenda hija mod kif turi kif San Ġorġ qatel id-dragun tiegħu, u salva ħajjet it-tfajla: il-Knisja. F'ċerti versjonijiet tal-bidu ta' din l-istorja, jingħad li d-dragun ma ġiex maqtul, iżda mġiegħel ikun ta' servizz lill-komunità bit-tfajla tmexxih marbut minn għonqu tieħdu l-bogħod fejn ma jistax ikun ta' ħsara.

L-Ingliżi semgħu għall-ewwel darba b'San Ġorġ meta s-suldati tagħna marru fl-Art Imqaddsa biex jieħdu sehem fil-Kruċjati. Hemmhekk huma raw li kellhom quddiemhom qaddis li miegħu setgħu jiddentifikaw ruħhom.

Huma gabu lura magħhom numru ta' stejjer dwaru.

Hu sar simbolu ta' qlubija, unur u virtù kavalleresk.

Hu sar qaddis ta' l-irġiel kollha, eżempju ħaj ta' kuraġġ u ta' imħabba li taqdi.

Is-Salib tal-Kruċjati - aħmar fuq sfond bajdani, simbolu tad-demm li xtered fil-battalji - sar magħruf bħala is-Salib ta' San Ġorġ, filwaqt li l-qronfla ħamra saret il-warda speċjali ta' l-Ingilterra.

**Xogħol fil-Librerija Parrokkjali** Ħames studenti qed jagħmlu l- "work phase" fil-librerija parrokkjali tal-parroċċa tagħna. Dan seta' isir bl-iskema li ntroduċa l-Gvern "XOGĦOL FIL-KOMUNITA". Dawn l-istudenti qed jagħmlu l-klassifikazzjoni tal-kotba fuq is-sistema "Dewey" li tintuża fil-libreriji kollha. Il-librerija li hemm il-ħsieb li tibda topera minn Ottubru li ġej tinkludi kemm sezzjoni għat-tfal u għal kbar kif ukoll numru kbir ta' kotba ta' aspett reliġjuż li bħalhom diffiċli ssib f'libreriji oħra. Ħafna minn dawn il-kotba huma pubblikazzjonijiet riċenti li l-parroċċa tagħna akkwistat mingħand diversi benefatturi.

# *Programm tal-Festi Solenni li jiġu*

# PATRUN T'

# SAN Ġ

# MEGALO

*14 - 21 ta' L*

## Il-Ħadd 14 ta' Lulju

**Fit-8.00a.m.:** Konċelebrazzjoni Solenni mill-W.R. Mons. Salv. Borg - Arċipriet, flimkien mall-Kapitlu u l-Presbyterium Parrokkjali bħala ftuħ tal-festi ta' dis-sena. Jieħu sehem il-Chorus Urbanus.

## It-Tnejn 15 ta' Lulju

**Fis-7.00p.m.:** Laqgħa kbira għaż-Żgħażagħ tal-Parroċċa. Mons. Victor Grech jitkellem dwar il-problemi li jħabbtu wiċċhom magħhom iż-żgħażagħ tagħna.

## It-Tlieta 16 ta' Lulju

**Fil-5.30p.m.:** Konċelebrazzjoni mmexxija minn Dun Manwel Curmi, Direttur tal-Uffiċċju tal-Promozzjoni Umana fil-Kurja. Fi tmiem il-quddiesa, il-Parroċċa toffri dak kollu li jkun inġabar fil-Kampanja ta' Ġenerożità b'riżq l-Istituti Għawdxin.

**Fis-7.00p.m.:** Marċ mill-Banda Ċittadina "La Stella", organizzat mill-Għaqda Żgħażagħ tas-Soċjetà, mill-Każin sa Pjazza San Ġorġ.

**Fit-8.00p.m.:** Ħruġ min-niċċa ta' l-istatwa ta' San Ġorġ, kapolavur fl-injam ta' P.P. Azzopardi, l-ewwel statwa titulari t'Għawdex.

## L-Erbgħa 17 ta' Lulju

*L-Ewwel Jum tat-Tridu*

**Fl-4.30p.m.:** Quddiesa għall-anzjani u l-morda tal-Parroċċa. Jiġi amministrat is-sagrament tal-Griżma tal-Morda u tingħata tifkira lil dawk kollha preżenti. Il-W.R. Mons. Lawrence Gatt, Direttur tad-Dar tal-Provvidenza f'Malta jmexxi din il-funzjoni.

**Fis-6.30p.m.:** Għasar bil-kant polifoniku mill-Kor *Laudate Pueri* u priedka tat-Tridu mill-W.R. Kan. Mikiel Borg-Kappillan ta' San Lawrenz. Wara l-priedka: Innu, Antifona u Ċelebrazzjoni Ewkaristika.

**Fl-10.00p.m.:** Dimostrazzjoni minn Pjazza San Franġisk bl-istatwa ta' San Ġorġ fuq iż-Żiemel, xogħol tal-Kav. Alfred Camilleri Cauchi. Tieħu sehem il-Banda La Stella. Isir logħob tan-nar fi Pjazza San Franġisk u fi Triq Repubblika.

## Il-Ħamis 18 ta' Lulju

*It-Tieni Jum tat-Tridu*

**Fit-8.15a.m.:** Konċelebrazzjoni b'suffraġju tal-membri tal-Komunità Parrokkjali li mietu matul dis-sena, mill-aħħar festa ta' San Ġorġ ' l hawn.

**Fil-5.00p.m.:** Quddiesa mill-E.T. Mons. Nikol Cauchi għat-tfal kollha tal-Parroċċa. Jiġu amministrati s-Sagramenti ta' l-Ewwel Tqarbina u tal-Griżma ta' l-Isqof lit-tfal tal-Emigranti li jkunu ġew fostna għall-Festa. Issir ukoll il-Premjazzjoni ta' l-aħjar tifel u tifla li jattendu fiċ-Ċentri tad-Duttrina. It-tfal kollha li jattendu jingħataw tifkira ta' l-okkażjoni.

**Fis-6.30p.m.:** Kollox bħal jum ta' qabel.

**Fl-10.00p.m.:** Marċ minn Pjazza San Ġorġ mill-Banda Ċittadina "La Stella".

## Il-Ġimgħa 19 ta' Lulju

*L-Aħħar Jum tat-Tridu*

**Fit-8.15a.m.:** Konċelebrazzjoni b'suffraġju tas-saċerdoti mejtin tal-Parroċċa.

**Fis-6.00p.m.:** Kollox bħal jum ta' qabel.

**Fid-9.30p.m.:** Dimostrazzjoni bl-istatwa ta' San Ġorġ - kapolavur ta' Vincenzo Cremona u l-ewwel statwa titulari tal-festi esterni f'Għawdex. Tieħu sehem il-Banda "La Stella", li żżanżan sett ta' marċi ġodda u l-banda "Anici" ta' Ħal-Qormi. Logħob kbir tan-Nar fi Pjazza San Franġisk u fi Triq Repubblika.

## Is-Sibt 20 ta' Lulju

*Lejlet il-Festa*

**Fit-8.15a.m.:** Konċelebrazzjoni mmexxija mill-Arċipriet Mons. Salv Borg, li fiha jsir talb għall-benefatturi ħajjin u mejtin tal-Parroċċa. Fit-tmiem tal-quddiesa jiġi ntonat Te Deum bħala tmiem tat-Tridu.

**Fid-9.30a.m.:** Marċ brijuż mill-Banda "La Stella".

**Fis-6.00p.m.:** Marċ mill-Banda "La Stella" mill-każin tagħha sa Pjazza San Ġorġ biex tilqa' l-wasla tal-E.T. Mons. Isqof Nikol Cauchi, Dekan tal-Kapitlu Ġorġjan.

**Fis-6.30p.m.** Transulazzjoni



# ċelebrati fil-Belt Victoria *f'gieħ il-*

## GĦAWDEX

# GORĠ

# MARTRI

## *ulju 1991*



baned 'King's Own' tal-Belt Valletta u 'San Ġorġ' ta' Ħal-Qormi.

**Fis-2.30p.m.:** Tiġrijiet tradizzjonali b'sehem ta' bhejjem minn Malta u Għawdex. Il-Ministru għal Għawdex l-Onor Anton Tabone iqassam il-premjijiet, fosthom paljijiet, lir-rebbieħa.

**Fit-3.00p.m.:** Radio Malta I ixandar sett ġdid ta' marċi mill-Banda Ċittadina La Stella.

**Fil-5.00p.m.:** Quddiesa bl-Omelija mill-W.R. Mons. Clo. Scicluna - Arċipriet tal-Katidral.

**Fis-6.15p.m.:** Għasar Solenni mmexxi mill-W.R. Arċipriet tal-Bażilika, Antifona u Ċelebrazzjoni Ewkaristika.

**Fis-6.30p.m.:** Marċ mill-Banda 'Sliema' ta' tas-Sliema minn Triq Repubblika għal Pjazza San Ġorġ.

**Fis-7.00p.m.:** Marċ mill-Banda "La Stella" mill-Każin tagħha għal Pjazza San Ġorġ.

**Fis-7.30p.m.:** Jibda l-ħruġ tal-Purċissjoni Pontifikali. Il-Banda "La Stella" tesegwixxi l-innu *"A San Giorgio Martire"* bis-sehem ta' Baritonu, Tenur u l-Kor tas-Soċjetà.

**Fit-8.00p.m.** Tibda timmarċja l-Purċissjoni mmexxija mill-E.T. Mons. Isqof Djoċesan, bis-sehem tal-Kapitolu u l-Kleru tal-Bażilika u l-membri ta' l-Ordnijiet Reliġjużi tal-Belt Victoria. Takkumpanja l-banda "La Stella" b'daqq ta' innijiet popolari u reliġjużi.

**Fit-8.15p.m.:** Programm Mużikali mill-Banda 'Sliema' fi Pjazza Indipendenza. Jidderieġi Mro. Joe Galea.

**Fl-10.30p.m.:** Daħla trijonfali tal-istatwa ta' San Ġorġ fil-Bażilika fost id-daqq ta' l-innu Popolari 'Ġorġi Tagħna', versi ta' P.Akk. Xerri O.F.M., mużika ta' Vinc. Ciappara mill-Banda 'Sliema'.

**Fil-11.15p.m.:** Marċ brijuż mill-Banda Ċittadina 'La Stella' li bih jingħalqu dawn il-festi ewlenin tal-poplu Għawdxi.

★★★★★★★★★

Il-Mużika fil-Bażilika, kemm tat-tridu kif ukoll lejlet u nhar il-festa, tkun taħt id-direzzjoni ta' Mro. Joseph Vella B.Mus. (Dunelm) F.L.C.M. Maestro di Cappella.

Fil-jiem tat-Tridu jiġi esegwit mill-orkestra l-Innu "Georgi Miles Inclite" (1878) kompożizzjoni ta' Mons. Gużeppi Farrugia u l-Antifona, mużika ta' Carlo Flamengo fuq kliem ta' San Pier Damiani.

F'jum il-Festa filgħodu tiġi esegwita l-Quddiesa "Mas in D Major", kompożizzjoni ta' Mro. Joseph Vella, Direttur tal-banda "La Stella".

Opri ġodda fil-Bażilika: kisi bl-irħam tal-bażijiet tal-kolonni ta' l-artal ta' San Ġużepp mill-marmista R. Pisani.

Fuq barra ġie restawrat l-armar kollu ta' Pjazza San Ġorġ u parti minn dak ta' Pjazza Indipendenza u Triq Vajrinġa minn xi wħud mill-membri tal-Kumitat tal-banda "La Stella" u tal-Għaqda Żgħażagħ La Stella.

**Il-Quddies fil-Bazilika nhar il-Festa:**
***4.00a.m.; 5.00a.m.; 6.00.; 6.30.; 7.00.; 7.30a.m.; 8.00a.m.;8.30a.m. (Pontifikal);9.00a.m.:10.00a.m.; 11.00a.m.; 12.00p.m.; 4.00p.m.; u 5.00p.m. Il-quddies tat-8.00a.m. 9.00a.m. u 10.00a.m. jinzammu fic-Centru Parrokkjali.***

Solenni u Għasar Pontifikali mmexxi mill-E.T. Mons. Isqof Djoċesan flimkien mal-Kapitolu. Ċelebrazzjoni Ewkaristika.

**Fis-7.30p.m.:** Riċeviment fl-Awla Kapitolari f'ġieħ l-E.T. Mons. Isqof. Jattendi l-Kapitolu, il-Presbyterium u l-Kumitat u l-bandisti tas-Soc. Filar. "La Stella".

**Fit-8.00p.m.:** Programm Mużikali mill-Filar. "King's Own" tal-Belt Valletta fi Pjazza San Ġorġ. Jidderieġi Mro. Carmelo Caruana.

**Fid-9.30p.m.:** Esekuzzjoni mill-banda "La Stella" fi Pjazza San Ġorġ tal-Innu Immortali *"A San Giorgio Martire"* versi ta' Profs.L.Billion, mużika ta' Gius. Giardini-Vella. Jieħdu sehem Tenur, Baritonu u l-Kor tas-Soċjetà. Jidderieġi Mro. Joseph Vella B.Mus (Dunelm) F.L.C.M. Dritt wara, Marċ singulari bis-sehem taż-żewġ baned 'King's Own' u 'La Stella' li matulu ż-żewġ baned idoqqu bħala 'Massed Band' fi Triq Repubblika. Fi tmiem il-marċ Logħob kbir tan-Nar fi Pjazza Sabina.

### Il-Ħadd 21 ta' Lulju

*Jum il-Festa*

**Fit-8.00a.m.:** Marċ minn Pjazza San Ġorġ mill-Banda King's Own.

**Fit-8.15a.m.:** Wasla fil-Bażilika ta' l-E.T. Mons. Isqof u kant tat-Terza.

**Fit-8.30a.m.:** Konċelebrazzjoni Pontifikali Solenni mmexxija mill-E.T. Mons. Nikol Cauchi Ph. D., Lic.Sc.Soc.. Jinseġ il-paniġierku l-W.R. Dun Alfred Xuereb, ex-kappillan ta' Ħal-Lija.

**Fl-10.30a.m.:** Marċ popolari mill-

# AGOSTINJANI WLIED SAN ĠORĠ 1616-1980

Kitba ta' JOHN BEZZINA

Fl-1983, l-Agostinjan Għawdxi P. Serafin Borg ħareġ studju bijografiku dwar 54 Reliġjużi Agostinjani Għawdxin li mietu bejn l-1645 u l-1980, biċċa xogħol li riedet riċerka kbira f'diversi arkivji ta' Malta u Għawdex, u sabar akbar biex sensel filmkien in-noti li ġabar minn diversi manuskritti u kotba.

F'dan l-istudju mirqum huwa jagħtina l-bijografija ta' 32 patri u 12 -il Ajk ilkoll Għawdxin. B'dan ix-xogħol huwa mhux biss niseġ kuruna ta' ġieħ lil Ordni Agostinjana fl-istess ħin, huwa niseġ oħrajn lid-diversi knejjes parrokkjali ta' Għawdex. Imma l-akbar kuruna hija dik lill-Knisja Parrokkjali ta' San Ġorġ, illum Bażilika u Kolleġġjata.

Dak li laqatna lilna f'dawn il-54 bijografija ta' Agostinjani Għawdxin, huwa l-fatt storiku li 22 Patri u 6 Ajkijiet kienu lkoll wlied il-Parroċċa ta' San Ġorġ, 28 reliġjuż minn 54 wieħed tista' tgħid in-nofs, ilkoll tgħammdu fil-Knisja ta' San Ġorġ. Ilkoll baxxew rashom propju taħt din l-iskrizzjoni li kien hemm fuq ir-riħ tal-Font tal-Magħmudija:

*D.O.M.*
*AD FONTEM BAPTISMALEM*
*AETERNI GAVLOS LAVACRI*
*IN GLORIAM*
*MAGNI IOANNIS BAPTISTE*
*PRAECURSORIS PROTOPARROCHI*
*PROTOSOLIFERI (PROTOSTOLIFERI)*
*NON FONS NON PUTEUS LOCUS ISTE*
*HIC*
*EST IANUA COELI*
*QUA SINE NON SINIT PERGERE AD ASTRA FIDES*
*(FONTE) FRONTE HUMILI ERGO LOCUM VENEREMUR NAMQUE*
*IOANNI*
*ET IORDANIS AQUIS SUBDITUR IPSE DEUS*
*ANNO 1678*

Dawn it-tnejn u għoxrin Patri u sitt ajkijiet ilkoll ġew mgħammda f'San Ġorġ u jekk il-patrijiet imsemmija kien hemm drawwa li jagħmlu il-Prima Messa fil-Kunvent fejn kienu, irridu nemmnu li għamlu oħra fil-Parroċċa li fiha tgħammdu. Ma' dawn it-22 Patri Agostinjan, wieħed irid iżid ukoll il-Patrijiet Kappuċċini u dawk ta' ordinijiet oħra, bħal Franġiskani, ta' Ġieżu, u ta' San Duminku, ecc., minbarra s-saċerdoti sekulari li tgħammdu u ċċelebraw il-Prima Messa tagħhom fil-Knisja ta' San Ġorġ, matul is-sekli. Żgur li ma teżisti l-ebda parroċċa f'Għawdex li minnha ħarġu daqstant saċerdoti matul is-sekli. Dan kollu jixhed ħaġa waħda biss: li l-parroċċa ta' San Ġorġ sa minn dejjem kienet il-fus li madwaru kienet iddur u għadha ddur il-ħajja reliġjuża f'Għawdex. L-aktar sigra li tat frott matul iż-żmenijiet.

*L-Agostinjani li għammdu f'San Ġorġ kienu dawn:*

| *Isem il-Patri* | *Twelid* | *Min Għammdu* | *Ordinazzjoni* | *Mewt* |
|---|---|---|---|---|
| P. Franġisk de Caci | 25.04.1616 | Kap. D. Anġ. Modlun | 27.02.1638 | 17.11.1689 |
| P. Marcell Camilleri | 23.01.1621 | Kap. Can. An. Mudlun | 11.03.1645 | 12.03.1681 |
| P. Rafel Apap | 06.05.1645 | Kap. Mariano Puglisi | ? | 22.10.1708 |
| P. Franġisk Farrugia | 31.03.1704 | Kan. Dalli | 1729 | 12.06.1773 |
| P. Salv Wistin Theuma | 02.02.1705 | Kan. Dalli | 08.02.1739 | 17.09.1787 |
| P. Marcell Tabone | 19.09.1710 | Dun Stiefnu Camilleri | c.1728 | 08.01.1757 |
| P. Fortunat Formosa | 14.10.1711 | Dun Stiefnu Camilleri | | 28.10.1789 |
| P. Ġużepp Bonelli (1) | 21.10.1715 | Dun P.P. Fenech | 14.03.1739 | 17.10.1777 |
| P. Mikelanġ Cassar | 28.06.1733 | Dun Vincenz Tabone | 1769 | 13.03.1804 |
| P. Ġużeppi Dandalona | 26.08.1734 | Dun Ġużepp Abela | 23.09.1758 | 24.03.1776 |
| P. Beninju Cutajar | 31.05.1746 | Dun Ġakbu Galea | 1769 | 21.06.1799 |
| P. Baskal Said | 02.10.1762 | Dun Salv Gauci | pre.1790 | 04.09.1831 |
| P. Ġużepp Portelli | 07.09.1771 | Dun Ġwann Gauci | 13.09.1792 | 31.08.1817 |
| P. Ippolito R. Mizzi | 05.06.1776 | Dun Nikol Grima (2) | pre.1802 | 27.07.1837 |
| P. Mikelanġ Gauci | 05.11.1784 | Dun Nikol Grima | 25.02.1809 | 08.07.1848 |
| P. Lawrenz Xuereb | 28.02.1790 | Dun Nikol Grima | 26.03.1814 | 22.08.1859 |
| P. Ġużeppi Buhagiar | 14.08.1798 | Dun Nikol Grima | 01.11.1815 | 04.09.1878 (3) |
| P. Ferdinandu Tabone | 19.02.1798 | Dun Nikol Grima | 14.07.1822 | 16.08.1873 |
| Mons. Ġużeppi Pace Forno | 05.09.1807 | Arc. Gammari Gauci | 22.09.1832 | 22.07.1874 |
| P. Ġużepp Spiteri | 12.03.1811 | Arc. Gammari Gauci | 09.11.1836 | 11.01.1884 |
| P. Lawrenz Cutajar | 06.10.1805 | Dun Ġwann Vella | 15.12.1832 | 21.02.1892 |
| P. Nikola Cilia | 10.12.1829 | Arc. Fortunat Cutajar | ? | 30.01.1893 |
| P. Lawrenz Cauchi | 22.08.1834 | Dun Mikiel Sammut | 07.06.1879 | 17.01.1901 |
| P. Vinc. Garroni | 15.05.1829 | Arc. Fortunat Cutajar | 04.02.1891 | 11.08.1941 |
| P. Girgor Vella (4) | 03.09.1856 | Arc. Mikiel Buttigieg | 23.12.1913 | 10.11.1943 |
| F. Ġużepp Spiteri | 10.01.1867 | Dun Franġisk Mercieca | 30.06.1916 | 03.01.1959 |
| F. Angelo Buhagiar | 17.12.1871 | Dun Karm Sultana | 23.12.1913 | 10.11.1943 |
| F. Ġorġ Mizzi | 10.10.1898 | Arc. D.Felic Refalo | 30.06.1916 | 03.01.1959 |
| F. Filippu Fenech | 14.03.1902 | Arc. D. Felic Refalo | 25.03.1922 | 23.04.1977 |

(1) Il-Ġenituri kienu mix-Xagħra u żżewġu x-Xagħra, imma binhom twieled ir-Rabat u tgħammed f'San Ġorġ.

(2) Dun Nikol għamel snin Viċi-Parroku f'San Ġorġ.

(3) Dan il-Patri fil-21 ta' Settembru 1827 sar qassis djoċesan

(4) Dan il-Patri kien minn ta' Kerċem, imma billi Kerċem kien għadu mhux parroċċa tgħammed f'San Ġorġ.

# L-Opra
# "Cosi` Fan Tutte"

Biex ifakkar il-mitejn sena mill-mewt ta' Wolfgang Amadeus Mozart, l-Opera Studio taħt it-tmexxija tal-Prof.sa u sopran Bulgara Blagovesta Karnabatlova Dobreva, ippreżenta f'verżjoni kunċertistika l-Opra f'żewġ atti, "Cosi' Fan Tutte" ta' Mozart, fit-Teatru Manoel nhar l-Erbgħa 12 ta' Ġunju u jumejn wara fi Pjazza Annunzjata, f'tas-Sliema.

Tajjeb li wieħed jgħid li dawn ir-rappreżentazzjonijiet kienu l-ewwel eżekuzzjonu assoluta fil-gżejjer Maltin ta' din l-opra ħelwa Możartjana. Il-Chorus Urbanus ta' din il-Bażilika, kellu l-unur li jieħu sehem fihom. Barra dan is-sehem Għawdxi, is-sopran Yvonne Galea u l-Baxx Noel Galea, solisti li smajnihom kemm -il darba fil-Bażilika



tagħna, ħadu sehem fil-partijiet prinċipali. L-orkestra tat-Teatru Manoel, flimkien mas-Solisti u Kor, kienu taħt id-Direzzjoni ta' Mro. John Galea, li ddistingwa ruħu f'dan l-ewwel impenn operistiku.

Ta' min isemmi li s-sopran Yvonne Galea għadha kemm għamlet id-debutt tagħha fl-Ingilterra meta ġiet mistiedna biex tieħu sehem f'żewġ International Celebrity Concerts organizzati mill-Bestwood Male Voice Choir u li ġew miżmuma fir-Royal Concert Hall u f'Southwell Minster f'Nottinghamshire, fis-17 u 20 ta' Mejju li għadda. Fost is-siltiet li nterpretat, Yvonne Galea kantat il-premiere tas-Song Cycle "Nirien", lirika bil-Malti ta' Ġovann Cauchi u mużika ta' żewġha Mro. John Galea, li wkoll akkumpanjaha fuq il-pjanu.

## Rokna għat-Tfal

Għeżież tfal,

L-iskola spiċċat! L-eżamijiet għaddew b'wiċċ il-ġid, u xi wħud minnkom diġa' jafu għaddewx jew le. Irrid naħseb li kulħadd mar tajjeb u ħadd m'għandu bżonn jgħaddi l-vaganzi tas-Sajf jistudja. Il-festa tagħna waslet u għandi nifhem li lkoll kemm itnom tinsabu lestu biex tiddevertu. Dawk li kellhom sena skolastika tajba, jixirqilhom u ħaqqhom jiddevertu, iżda l-oħrajn li tilfu ħafna ħin matul is-sena u kellhom riżultati ħżiena, iridu min jiġbdilhom ftit widnithom. Żgur li dawn ma ħaqqhomx jiddevertu. Anzi, ta' min iħallihom imsakkrin ġewwa waqt il-festa biex darb'oħra jitgħallmu jistudjaw u jistinkaw matul is-sena.

Irridkom tiddevertu b'mod għaqli matul il-festa. Fuq kollox, irridkom tattendu għall-funzjonijiet kollha li jsiru fil-Knisja, b'mod speċjali għal dik li ssir għalikom it-tfal. Ara li ma ġġibux skużi dak in-nhar. Għandkom tħallu kollox u tiġu bi ħġarkom tagħtu qima lill-Patrun tagħna San Ġorġ. Il-funzjoni se ssir nhar il-Ħamis 18 ta' Lulju fil-5.00p.m. Iqaddes għalikom Mons Isqof Nikol Cauchi, u fiha jitqassmu wkoll il-premjijiet għall-aħjar tifel u tifla fiċ-ċentri tad-Duttrina u fost dawk it-tfal li matul is-sena, kull nhar ta' Ħadd, jattendu għall-Quddiesa tagħhom fiċ-Ċentru Parrokkjali. U, bil-ħaqq, la qed insemmu l-Quddiesa tal-Ħadd, tinsewx li matul il-jiem tas-Sajf, din tibqa' sejra bħas-soltu. Tajjeb li dejjem tħajru tfal oħra jiġu magħkom.

Tfal, ħaġa importanti ħafna li xtaqt ingħidilkom fir-rokna ta' did-darba. Issa, wara l-festa, tissuktaw bil-vaganzi tagħkom sa l-aħħar ta' Settembru. Żmien twil, hux veru? Għalhekk, tridu toqogħdu attenti ħafna biex dak kollu li akkwistajtu b'tant tbatija u sagrifiċċju matul is-sena, ma titilfuhx f'ħakka t'għajn matul il-jiem tas-Sajf. Mela, qisu li l-istudju u l-qari ma tabbandunawx u ma titfgħuhx fil-ġenb għal kollox. Araw li matul il-ġurnata twila li jkollkom quddiemkom, terfgħu ftit ħin biex tagħmlu daqsxejn ta' reviżjoni ta' dak li tkunu għaddejtu matul is-sena. Jew inkella taqraw xi ktieb sabiħ u interessanti. Anki dwar dak li huwa spiritwali. Qisu li tibqgħu tisimgħu l-Quddiesa ta' kuljum, tgħidu r-rużarju u xi talb ieħor, u tattendu għal xi laqgħat li jistgħu jsiru għalikom.

Mill-bqija, strieħu u iddevertu. **Tatà.** ***Iz-Ziju Peppi***

## *Marru jingħaqdu ma' Kristu Rxuxtat:*

24.5.91: Felic Micallef
11.6.91: Carmelo Farrugia
2.7.91: Anthony Pisani

## *Membri Ġodda fil-Komunità Parrokkjali:*

19.5.91: **ELISE,** bint Joseph Bugeja u Cettina nee' Conti
26.5.91: **ELISE,** bint Saviour Spiteri u Vincienne nee' Vella
26.5.91: **CHRISTIAN,** iben George Spiteri u Antoinette nee' Attard
2.6.91: **MARLA,** bint John Saliba u Josephine nee' Cauchi
8.6.91: **FREDERICK,** iben Lawrence Caruana u Maria Rita nee' Spiteri.
8.6.91: **RICHARD,** iben Peter Paul Theuma u M'Dolores nee' Ellis.
29.6.91: **JAMES,** iben Noel Galea u Marceline nee' Zammit.
30.6.91: **ZEODIELLE** bint Joseph Bajada u Lorita nee' Ebejer.

## *Ingħaqdu fis-Sagrament taż-Żwieġ:*

19.5.91: Charlie Bonnici u Julie Borg
25.5.91: Frankie Grech u Josalda Scicluna
26.5.91: Dennis Grech u Josette Muscat
7.6.91: Francis Portelli u Celine Cassar
8.6.91: Peter Paul Haber u Georgia Galea
15.6.91: Joseph Vella u Rita Parnis.

# Lil San Ġorġ Megalomartri

*Titular tal-Parroċċa Arċipretali*
*Bażilika u Kolleġġjata*
*Fir-Rabat Ta' Għawdex*
*Nhar il-Festa Tiegħu*
21 ta' Lulju, 1991.

Inti mbierka Kappadoċja
art qadima ta' twemmin,
Ġrajjiet kbar twettqu ġo ħdanek.
Nhar il-jum, fl-Għid il-Ħamsin.

Għax tal-Bxara, kelmet Kristu
Kien San Pietru nissel fik,
Għadd ta' nies saru Kristjani
Oh! X'don kbir mar Alla jtik.

Minn ġo artek feġġet "Stilla"
Kollha dawl, kollha sbuħija
Ħu Missierna, dal-Kbir Martri
San Ġorġ mimli bil-qdusija.

Bin Geronzju u Polikronja
Għadek żgħir 'l Alla ħabbejt,
Nisslu f'qalbek dik l-imħabba
Meta kbirt ġo fiha nħmejt.

Mill-Familja ta' l-Aniċi
Li tat bosta Qaddisin,
Int imnissel San Ġorġ tagħna
F'sebħ etern issa qegħdin.

Żagħżugħ mimli kollok ħeġġa
Fit-tagħlim ta' Kristu mxejt
Meta waslet l-aħħar siegħa,
Għalih biss dlonk Int batejt.

U bil-bosta ħabbek ħafna
Dioklezjanu Imperatur,
Fl-ogħla ġieh Tribun hu ħatrek
Żejnek issa b'kull unur.

Qalbek tajba kont mal-foqra
Il-ġid tiegħek lilhom tajt,
Fihom rajt ta' Kristu x-xbieha
U l-imħabba fihom żrajt.

U fil-fjur tal-Ħajja tiegħek
Minn martirju twil u kbir,
Ħabs u swat, ir-rota, x-xabla
Lilek qalgħu kull tifħir.

Ġewwa Lydda l-fdal Tiegħek
Bl-ikbar għożża miżmumin,
Minn hawn xterrdu r-relikwi
Ħalli d-dinja Lilek tqim.

O Padrun tagħna tas-sema
Aħna wliedek ir-Rabtin
Ieqaf magħna kif fl-imgħoddi
Niesna ħarġu rebbeħin.

*Kan. Dun Nikol Vella Apap*
*23 ta' April 1991*

## *Il-Kapitlu Ġorġjan f'Ħal Qormi*

Il-Wisq Rev. Kapitlu tal-Bażilika tagħna ħa sehem fil-festi ċentinarji li din is-sena nżammu fil-Belt Pinto f'għeluq il-250 sena ta' l-istatwa artistika ta' San Ġorġ. Il-Kapitlu mexxa t-transulazzjoni mill-Knisja ta' San Franġisk għall-Parroċċa f'Ħal Qormi nhar is-Sibt 29 ta' Ġunju 1991 u wara l-Għasar. L-Għada l-Ħadd Mons Arċipriet Salvu Borg mexxa l-purċissjoni flimkien ma rappreżentanza tal-Kapitlu Ġorġjan.



# Se jitfakkar Mons. Giuseppe Farrugia *Tal-Vers*

Matul dawn il-ġranet ta' festa fil-Belt Victoria ser jiġi mfakkar wieħed mill-ulied l-iktar distinti tal-Parroċċa ta' San Ġorġ u tal-Gżira Għawdxija - Il-Wisq Reverendu Mons Giuseppe Farrugia magħruf bħala "Dun Ġużepp tal-Vers".

Dan il-bniedem ta' kultura vasta u ta' ħila kbira twieled fl-1852 u rċieva l-Magħmudija fil-Knisja Parrokkjali ta' San Ġorġ, fejn ukoll 24 sena wara ċċelebra l-ewwel quddiesa solenni tiegħu bħala saċerdot novell.

Minn meta kien għadu ta' età żgħira, Giuseppi Farrugia, li trabba fi Triq Pietà (illum Triq Mons Giuseppe Farrugia, imsemmija għalih) għad-dell tal-knisja ta' San Ġorġ wera l-ħila intellettwali u artistika tiegħu. Wara l-ordinazzjoni saċerdotali tiegħu hu beda jkun ta' servizz kbir għall-knisja: kien Segretarju ta' l-Isqof, Kanonku Dekan fil-Katidral, Rettur tas-Seminarju, eżaminatur Sinodali u Vigarju Ġenerali. Barra minn hekk huwa kien ukoll oratur u predikatur magħruf fil-knejjes kollha ta' Malta u Għawdex. Kien ukoll mużiċista straordinarju u artist li medd idejh b'sengha għad-disinn u għall-arkitettura. Dawn huma ftit mid-doni li bihom kien imżejjen "il-Monsinjur tal-Vers".

Hija ħasra li dan il-bniedem ammirevoli u eżemplari għal dawn l-aħħar snin kien donnu għeb mill-memorja tagħna. Għalhekk hija ta' min ifaħħarha l-inizjattiva li ttieħdet li permezz tagħha il-monsinjur Giuseppe Farrugia mhux biss jiġi mfakkar imma jibqa' imfakkar għal dejjem.

Dawn l-attivitajiet jinkludu kunċert mużikali li fih ser jiġu esegwiti biss xogħolijiet ta' Mons Farrugia, wirja dokumentarja u artistika dwar il-figura tiegħu u kxif ta' lapida kommemorattiva f'Misraħ San Ġorġ. Il-Wirja u l-Lapida ser jiġu nawgurati mill-Ministeru għal Għawdex l-Onor. Anton Tabone u mbierka mill-E.T. Mons Isqof Nikol Cauchi.

# NIFIRĦU......

Is-Sem. JOHN VELLA li nhar is-Sibt 22 ta' Ġunju 1991 ġie ordnat DJAKNU mill-Ecc. Tiegħu Mons Isqof Nikol G. Cauchi.

A+M PRINTING LTD. - 553217